**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 77** **4 ta' Marzu, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgħa ta' Marzu, fl-4:30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
NIL

**ASSENTI:**

Kunsillier/a - Post vakanti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **77.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-16:40. |
| | |
| **77.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| | Il-Kunsillier Stephen Caruana ppropona u l-Viċi Sindku, Elenia Desira ssekondat il-minuti tal-laqgħa. |
| | |
| **77.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 77.3.1 | Is-Sindku fetaħ għad-diskussjoni peress li kien hemm resident preżenti.<br>Ir-resident qal li bħalissa hawn tliet karozzi ta' Trasport Pubbliku fis-siegħa, u staqsa jekk jistax ikun hawn erba' karozzi tal-linja.<br>Is-Sindku wieġeb li ser nibagħtu imejl u nistaqsuhom biex jiżdied il-frekwenza għal erba' karozzi fis-siegħa, pero' ġimagħtejn ilu bgħattna email nistaqsu għal żewġ vjaġġi oħra li kienu jsiru qabel u twaqqfu u sal-lum ma kellniex risposta pożittiva. |
| 77.3.2 | Ir-Resident staqsa dwar Triq il-Luzzu, fejn hemm bus stop. Xtaq ikun jaf għala m'hemmx bus shelter. Is-Sindku qal li ilna snin li applikajna għal żewġ bus stops, waħda fi Triq Melqart u oħra fi Triq it-Trunċiera u li tax-xatt kellhom isiru tal-injam u għadhom ma sarux. Għalhekk ser nippruvaw mal-Ministeru tat-Turiżmu forsi jistgħu jgħinuna huma. |
| 77.3.3 | Is-Sindku informa lill-kunsill li fil- 5 ta' Frar 2024, kellu laqgħa online mal-Ministeru tat-Turiżmu, is-Sindku qal l-MTA infurmawhom li kien ser isir in-nar ta' l-Art u mhux ta' l-ajru.<br><br>Fis-6 ta' Frar kellu laqgħa online flimkien ma' Segreatrju Eżekuttiv ma' SEM, fejn infurmawhom dwar skema mill-EU Funds fejn jistgħu japplikaw għal tiswijiet ta' Rural Roads.<br><br>Fit-8 ta' Frar ġew żewġ rappreżentanti mill-Arts Council fejn tkellmu dwar Għana f'San Girgor, dawn infurmawhom li din tista' ssir fi stazzjon wieħed mhux tnejn . Ġie deċiż li ħa ssir fejn kienet issir is-snin ta' qabel.<br><br>Fid-19 ta' Frar saret mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Bedingfield flimkien mad-Direttur Ġenerali s-Sur Deguara, fejn ġie diskuss dwar il-magni l-ġodda li għandhom il-Cleansing u ġie deċiż li għalissa ħa nippruvaw waħda pero' għadna rridu nsibu post fejn nistgħu npoġġuha.<br><br>Fit-28 ta' Frar – Is-Sindku attenda għall-inawgurazzjoni tal-bidu tal-proġett – Qoxra tal-Baħar. |

<table>
<tr><td>77.3.4</td><td>Is-Sindku propona li għal ‘coffee morning’ li qiegħed jiġi organizzat flimkien mal-Għaqda tal-Banda Madonna ta’ Pompei jistieden lill-kandidati nisa li joħorġu fuq id-distrett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu bejn il-kunsilliera.</td></tr>
<tr><td>75.3.5</td><td>Saret votazzjoni dwar Triq Beatu Bartolo Lungo u jekk din għandhiex tiġi skont il-pjanta mressqa mis-Sindku bħala prova. (Pjanta Annessa)<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>77.3.6</td><td>Is-Sindku kellu wkoll laqgħa mal-ERA flimkien mal-Perit Grech fejn ġie diskuss il-Park li qiegħed proġettat li jsir fi Triq il-Kavallerizza u kellimhom ukoll fuq il-bajja tal-Magħluq.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>77.4</td><td>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.</td></tr>
<tr><td>77.4.1</td><td>Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-ħanut li hemm fi Triq Giulino Maniscalco tistax tidħol karozza sa quddiem il-ħanut u tirriversja lura.<br>Is-Sindku wieġeb li l-bollards qegħdin fit-tarf tal-isqaq u karozza tista’ tidħol sa fejn il-ħanut u jeħlu fil-biċċa ż-żgħira fejn jidjieq l-isqaq. Pero’ karozza tista’ tidħol faċilment sa fejn il-ħanut u ssuq biċċa żgħira lura biex terġa’ toħroġ.<br><br>Is-Sindku  qal li saret tabella tal-One Way fil-bidu ta’ triq ħalli jkunu jafu li t-triq hi One Way. Kollox qiegħed skont il-liġi u din kienet ġiet deċiża meta sar il-proġett tal-Magħluq mal-GHRC.</td></tr>
<tr><td>77.4.2</td><td>Il-Kunsillier Zerafa staqsa fhiex waslet is-Substation ta’ Triq il-Qrolla u charging pillars tal-karozzi.<br>Żied jgħid li fi Triq Melqart hemm bus stop imma m’hemmx spazju ta’ fejn twaqqaf tal-linja, għaldaqstant qiegħda perikoluża.<br><br>Is-Sindku qal li għamel talba lil Transport Malta biex il-Bus Stop issir aktar ‘il fuq, kif taqbeż iz-zebra Cross, u li l-pulizija għamlu talba wkoll.<br><br>Daniel qal ukoll li Triq il-Qolla u Triq Abdosir għandhom isiru One Way. Is-Sindku qabel ma’ din il-proposta u ppropona li ssir One Way ukoll Triq is-Salvatur kantuniera ma’ Triq Xerrik. Dwar dan ser inkellmu lill-Perit.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>77.5</td><td>Approvazzjoni tal-iskemi ta’ 2024</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Eżekuttiv qasmet karta bl-iskemi għas-Sena 2024.<br><br>L-iskemi mniżżla kienu dawn:<br>Measure 73.3 – Rural Roads (EU Funding)<br>SPI/SCI/01/2024 – Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex<br>SPI/SCI/02/2024 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi<br>SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar Nodfa<br>SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill- Gvern Lokali<br>SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025<br><br>Staqsiet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera: |
| | **Isem** / **Iva** / **Le** / **Astensjoni**<br>Steven Grech / X / / <br>Elenia Desira / X / / <br>Stephen Caruana / X / / <br>Daniel Zerafa / X / / |
| | L-iskemi ġew approvati kollha b'mod unanimu. |
| | **Planning Authority**<br>PA/1082/24 – Latrina Pubblika faċċata ta' Torri Vendome. *Applikazzjoni saret mill-kunsill. |
| | |
| **77.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| | Approvati. Proponent Stephen Caruana u ssekondat Elenia Desira |
| | |
| **77.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 77 ġiet fit-tmiem, wara li kienet eżawrita l-Aġenda kollha. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar it-Tnejn 1 ta' April, 2024 fl-4:30pm. |

Voting table:

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

Konfermati, illum 1 ta' April, 2024.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**

*Sindku*

**IFFIRMATA**

__________________________

**Karen Scicluna**

*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

_________________________

***Sekondant***